



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

26.6.2013

B7-0323/2013

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-għargħar reċenti fl-Ewropa
(2013/2683(RSP))

**Lambert van Nistelrooij, Richard Seeber, Ildikó Gáll-Pelcz,
Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Tamás Deutsch, Jan Olbrycht,
Markus Pieper, Zofija Mazej Kukovič, Hermann Winkler, Joachim Zeller,
Marian-Jean Marinescu**
f'isem il-Grupp PPE

RE\941514MT.doc

PE509.971v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-għargħar reċenti fl-Ewropa (2013/2683(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 191 u 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament li jstabilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (COM(2005)0108) u l-pożizzjoni tal-Parlament dwarha tat-18 ta' Mejju 2006¹,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-5 ta' Settembru 2002 dwar l-għargħar fl-Ewropa², tat-8 ta' Settembru 2005 dwar id-diżastri naturali (in-nirien u l-għargħar) fl-Ewropa dan is-sajf³, tat-18 ta' Mejju 2006 dwar id-diżastri naturali (in-nirien tal-foresti, in-nixfiet u l-għargħar) – l-aspetti agrikoli, l-aspetti tal-iżvilupp reġjonali u l-aspetti ambjentali⁴, u tas-7 ta' Settembru 2006 dwar in-nirien fil-foresti u l-ghargħar⁵, kif ukoll tal-17 ta' Ġunju 2010 dwar l-għargħar fil-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali, b'mod partikolari fil-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, l-Ungerija u r-Rumanija u fi Franza⁶,
 - wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni bit-titolu “L-adattament għat-tibdil fil-klima: Lejn Qafas Ewropew għall-azzjoni” (COM(2009)0147) u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Approċċ Komunitarju dwar il-prevenzjoni tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem (COM(2009)0082),,
 - wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni bl-isem “Reġjuni 2020 – valutazzjoni ta' sfidi tal-ġejjieni għar-reġjuni tal-UE” (SEC(2008)2868),
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar id-diżastru naturali kbir li seħħ fir-reġjun awtonomu ta' Madejra fl-24 ta' Frar 2010 u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2010 dwar id-diżastru naturali kbir fir-reġjun awtonomu ta' Madejra u l-effetti tat-tempesta “Xynthia” fl-Ewropa⁷,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi seħħ diżastru naturali kbir fl-għamla ta' għargħar f'pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali, b'mod partikolari fil-Ġermanja, l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, l-Islovakkja u l-Ungerija, kif ukoll fi Franza u Spanja.

B. billi x-xita eċċessiva u l-għargħar sussigwenti laqtu s-Slovenja, il-Kroazja u l-Awstrija

¹ ĠU C 297 E, 7.12.2006, p. 331..

² ĠU C 272 E, 13.11.2003, p. 471.

³ ĠU C 193 E, 17.8.2006, p. 322.

⁴ ĠU C 297 E, 7.12.2006, pp. 363, 369 u 375.

⁵ ĠU C 305 E, 14.12.2006, p. 240.

⁶ ĠU C 236 E, 12.8.2011, p. 128.

⁷ ĠU C 349 E, 22.12.2010, p. 88.

f' Awwissu 2012, iżda s' issa, il-Kunsill naqas milli jadotta l-pożizzjoni tiegħu dwar il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (EUSF);

- C. billi id-diżastru kkawża ħsarat gravi, inkluż fuq l-infrastruttura, l-impriżi u l-art agrikola, filwaqt li qered ukoll elementi tal-wirt naturali u kulturali, u possibbilment ħoloq riskji għas-saħħa pubblika;
- D. billi jeħtieġ li ssir rikostruzzjoni sostanzjali taż-żoni li nqerdu jew li ġarrbu ħsara minħabba d-diżastru biex tpatti għat-telf ekonomiku u soċjali;
- E. billi l-frekwenza, is-severità, il-kumplessità u l-impatt tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem madwar l-Ewropa żdiedu bil-ħeffa f'dawn l-aħħar snin;
- 1. Jesprimi l-empatija u s-solidarjetà tiegħu mal-abitanti tar-reġjuni Ewropej affettwati mid-diżastru, jieħu att tal-effetti ekonomiċi serji possibbli, u jippreżenta l-kondoljanzi tiegħu;
- 2. Jirrikonoxxi l-isforzi bla waqfien tal-ekwipaġġi ta' protezzjoni biex isalvaw il-ħajjiet u jnaqqsu l-ħsarat fiż-żoni milquta;
- 3. Jifraħ bl-azzjonijiet tal-Istati Membri li pprovdew għajjnuna liż-żoni milquta, peress li l-assistenza reċiproka f' sitwazzjonijiet avversi tagħti eżempju ta' solidarjetà Ewropea;
- 4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-kapaċità tal-kontroll tal-għargħar u l-infrastruttura tad-dranaġġ sabiex tiġi limitata l-ħsara kkawżata minn xita eċċessiva;
- 5. Jitlob lill-Kummissjoni biex, wara li l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali jressqu l-pjanijiet ta' rikostruzzjoni rispettivi tagħhom, minnufih tieħu passi ħalli tiżgura li r-riżorsi finanzjarji meħtieġa jintefqu bl-akbar rapidità, effikaċja u flessibbiltà possibbli mill-EUSF;
- 6. Jenfasizza l-unrġenza li tiġi rilaxxata l-assistenza finanzjarja mill-EUSF għall-pajjiżi affettwati minn dan id-diżastru naturali; jistieden lill-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu għal raġunijiet ta' urġenza, kif previst b' mod espliċitu fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 tat-Trattat;
- 7. Jistieden lill-Kummissjoni toħloq regolament ġdid u ssimplifikat dwar l-EUSF, li jista' wkoll jippermetti lill-pajjiżi involuti pefinanzjament tal-pjanijiet ta' rikostruzzjoni f'każ ta' bżonn;
- 8. Jistieden lill-Istati Membri u r-reġjuni jaħdmu fuq strateġiji ta' ġestjoni ta' riskji transkonfinali, bl-appoġġ tal-Fondi Strutturali fil-qafas tal-obiettiv ta' kooperazzjoni teriitorjali Ewropea; jistieden lill-Istati Membri u r-reġjuni kkonċernati jikkunsidraw il-ġestjoni ta' riskju bħala prijorità ta' investment għall-perjodu ta' programmar li jmiss li bħalissa qed jiġi nnegożjat;
- 9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lill-ippjanar u jirrevedu l-politiki tal-użu sostenibbli tal-art u l-kapaċitajiet tal-assorbiment tal-ekosistema u l-aqwa prassi fid-dawl taż-żieda fir-riskju ta' għargħar dovut għall-mod ta' kif l-art, il-habitats u s-sistemi ta' dranaġġ jiġu ġestiti; jistieden lill-Kummissjoni wkoll żżid il-

kapaċità tal-kontroll tal-għargħar u l-infrastruttura tad-dranaġġ sabiex tiġi limitata l-ħsara kkawżata minn xita eċċessiva; jenfasizza li l-prevenzjoni effikaċi tal-għargħar jeħtieġ li tkun ibbażata fuq strateġiji transkonfinali;

10. Jagħti iŋstruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet tal-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali taż-żoni milquta.